MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1228/2003

Kawza fil-lista: 23

**Q M**
**vs**
**A B M**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Ottubru 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, Y u Y1, li ghandhom 17 u 13-il sena rispettivament; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u abbandun da parti tal-konvenut; li l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-istess konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti Y u Y1, ahwa M tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut, u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16).

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-

likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tiddikjara li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-attrici.

9. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

10. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li, filwaqt li jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali, jattribwixxi l-htija lill-attrici; li jirrespingi dak imputat lilu mill-attrici, senjatament l-adulterju da parti tieghu; li rigward il-minuri ghandhu jsir dak li hu fl-interess tal-istess; li l-attrici kapaci tahdem kif ghamlet fil-passat; li ma hemmx lok ghall-applikazzjoni fil-konfront tieghu tal-artikolu 48 tal-Kap.16; li d-dar matrimonjali mhijiex parafernali tal-attrici; u li ma hemm ebda raguni ghaliex l-attrici ghandha tibqa' tokkupa din id-dar ad eskluzjoni tal-konvenut;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Sandra Sladden;[1]

[1] Vol.4 – fols.1583 *et seq.*

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Min-naha tieghu l-konvenut cahad dak imputat lilu mill-attrici, u jattribwixxi t-tort tas-separazzjoni unikament lill-istess attrici li bil-komportament taghha rrendiet impossibbli l-hajja konjugali bejniethom.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-29 ta' Ottubru 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, Y u Y1, li llum huma maggjorenni. Fit-13 ta' Frar 2003 il-konvenut telaq mid-dar konjugali; u ftit ijiem wara, l-attrici bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li mill-bidu nett taz-zwieg il-konvenut kien dominanti fil-konfront taghha, u matul iz-zwieg kien jahbi affarijiet minnha, partikolarment dawk relatati mal-finanzi.

Fis-sena 1986 meta kienet qabditha deprexin qawwija, sa anke kellha hsibijiet suwicidjali li hi kienet tghid lill-konvenut bihom, dan ma kienx jaghti kasha, kien jinjoraha; kien jinjora l-bzonnijiet taghha u anke kien jiskoraggiha milli terga' tmur tahdem. Fi kliem iehor ma kienx jaghti kasha, u sahansitra, meta fis-sena 1995 giet certifikata li kienet qed tbati minn *manic depression* bir-rizultat li ghamlet xi zmien fl-Isptar Monte Carmeli, huwa kien jghid mal-familjari u anke mal-hbieb taghhom li martu

kienet qed tiggennen. L-attrici tghid li hija kienet thoss in-nuqqas ta' affett min-naha ta' zewgha, il-konvenut; u tattribwixxi l-aggravazzjoni tal-kondizzjoni taghha ghan-nuqqas ta' ghajnuna da parti ta' zewgha.

L-attrici tghid li maz-zmien il-kontroll passiv ta' zewgha fuqha u fuq uliedhom kien zviluppa f'wiehed aggressiv u vjolenti; u ssemmi ncident wiehed li sehh fit-23 ta' Awissu 2003, allura l-partijiet gja' de facto separati, meta l-konvenut allegatament saq ghal fuqha u fuq bintha bil-karrozza, izda ma nghatat ebda decizjoni mill-Qorti tal-Magistrati, stante li l-procediment kien gie dikjarat ezawrit.

Hija takkuza lill-konvenut ukoll li kien jiehu l-flus tal-kommunjoni, mill-kont komuni taghhom, u jpoggihom f'kont separat fuq ismu. Tghid ukoll li hu serqilha s-somma ta' LM2,298 [illum €5353 ] meta telaq mid-dar bir-rizultat li halla lilha u lit-tfal fil-bzonn. Tghid li matul il-konvivenza huwa kien jghatiha LM350 [illum €815 ] kull erba gimghat ghall-bzonnijiet tal-hajja, izda f'Jannar 2003 kien taha biss LM90 [illum €210] b' hekk cahhad lilha u lit-tfal "milli jkollhom l-ikel ta' kuljum".

L-attrici takkuza, fuq suspetti, lill-konvenut talli matul iz-zwieg dan kien infidil lejha, u kien jigdbilha dwar il-hinijiet tax-xoghol biex jittrattjeni hbiberiji ma' nisa ohrajn.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jghid li l-hajja mal-attrici kienet wahda difficli, stante li hi kienet ta' spiss takkuzah, fuq suspetti, b'infedelta' fiz-zwieg; takkuzah b' tehid tal-flus tal-komunjoni da parti tieghu; anke kienet tiehu l-paga tieghu u flus ohra tal-komunjoni u tpoggihom f'kont f'isimha, tant li, ghal certu perijodu, ma kienx jaf x'kien qed jigri bil-flus; u kien hemm zmien li fih kien spicca bla flus f'idu; takkuzah wkoll li kien jabbuza mit-tfal, u jghid li eventwalment hi kienet bdiet terfa' idejha fuqu. Rizultat ta'dan, il-hajja matrimonjali ghall-konvenut kienet mimlija "biza' u tensjoni". Martu kienet tghajjru, u eventwalment bdiet iddawwar it-tfal kontra tieghu, partikolarment wara li kien telaq mid-dar.

Wara t-twelid tat-tieni tarbija fis-sena 1995 is-sitwazzjoni aggravat peress li l-attrici kienet bdiet tbati minn deprexin qawwija, u t-terapija li kienet qed tiehu ma kellhiex success. F'dan iz-zmien, l-oneru kollu tal-familja u tat-trobbija tat-tfal kien waqa' fuqu; kien isajjar, jahsel u jaghmel dak kollu li kien hemm bzonn.

Il-konvenut jghid li f' Jannar 2002 il-konvivenza kienet saret difficli hafna ghalih, u l-kondizzjoni mentali tal-attrici kienet aggravat, filwaqt li hi kienet irrifjutat li tmur ghal vizta ghand konsulent psikjatra Dottor David Cassar u anke tiehu l-medicina preskritta minnu. Jghid li f'dawn ic-cirkostanzi hu kien kostrett li jitlaq mid-dar konjugali; huwa telaq fit-13 ta' Frar 2003 u ha mieghu l-fajls relatati mal-finanzi. Wara dan, ir-relazzjoni tal-konvenut m'uliedu bdiet tehzien, u beda jinqala' l-inkwiet mat-tfal, stante li l-attrici kienet qed tinvolvihom fil-kwistjonijiet ta' bejniethom, u tghidilhom li l-konvenut kien hallihom bla flus, filwaqt li kienet hbiet minnhom il-flus li kienet gibdet hi tal-komunjoni.

Il-konvenut jichad li hu kien ha xi flus tal-komunjoni, u pprezenta dokumenti li juru li kienet l-attrici li gibdet il-flus mill-kont kongunt u ddepozitathom f' kont f' isimha.

*Xhieda Medika*
Illi t-tabib tal-familja, Dottor Domnic Agius, xehed dwar il-kondizzjoni mentali tal-attrici, u kkonferma li z-zewg partijiet kienu gew riferuti lill-imsemmi konsulent. Jixhed dwar is-suspetti kontinwi tal-attrici fil-konfront ta' zewgha kif ukoll dwar l-allegazzjoni li dan kien juza vjolenza psikologika u fizika fuqha; ukoll dwar l-istat mentali tal-konvenut li skont ix-xhud kien beda jbati minn "reactive depression" u "reactive anxiety" b' reazzjoni ghal dak li kien qed jigri.

Dan ix-xhud, li meta xehed fis-sena 2005 kien ilu jaf lill-partijiet ghal circa disa' snin, spjega li l-kondizzjoni li minnha tbati l-attrici hija wahda "newrotika, li hija trattabbli u hija 'a manageable condition'"[2], liema kondizzjoni kienet

[2] Vol.2 – fol.586

kagun ta' "hafna stress" fuq il-konvenut, li min-naha tieghu dejjem cahad dak li l-attrici kienet tallega fil-konfront tieghu.

Ta' relevanza partikolari f' dan il-kaz, hija l-osservazzjoni tax-xhud li "l-attrici kienet tghidli li l-pilloli li kienet tiehu, aktar kienu qed jikkawzawlha problemi, u kienet tghidli li certu pilloli kienet qed tohodhom ghal xejn. Jien ma nistax nghid jekk effettivament waqfet [kienitx] tohodhom."[3]

Il-Psikjatra David Cassar jikkonferma li l-attrici tbati minn *bipolar disorder*, u kien taha lill-attrici kura ghal anzjeta' kawzata minn din il-kundizzjoni. Jikkonferma wkoll li l-attrici kienet ghamlet zmien rikoverata l-Isptar Monte Cameli.

Rigward il-kura, dan ix-xhud jghid li "Fil-maggjoranza taz-zmien, l-attrici tiehu l-kura regolarment. Fiz-zmien tas-separazzjoni kien kellimni zewgha fejn kien koncernat ghax l-attrici ma kienitx qed tiehu l-kura."[4] Jikkonkludi billi jghid li "Dwar l-attrici nerga' nghid li fil-maggjoranza tal-hin hija ta' stat mentali normali."[5] Izda "Dawn l-ahhar snin ma kienux facli ghall-attrici."[6]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi l-Qorti tikkondividi l-konstatazzjonijet maghmula, u l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali, u taddottahom fl-intier taghhom.

Jirrizulta car li l-kawza principali li wassal ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg, kienet il-kundizzjoni mentali tal-attrici, li kienet il-kagun tal-attakki kontinwi, abitwali u ripetuti, bazati fuq suspetti, da parti taghha fuq zewgha. Kien dan il-komportament tal-attrici li rrenda ghall-konvenut l-konvivenza matrimonjali ma' martu insapportabbli, u li eventwalment wassal sabiex anke l-istess konvenut jibda jbati minn dipressjoni reattiva.

[3] Ibid
[4] Vol.2 – fol.521
[5] Ibid. – fol.522
[6] Ibid – fol.521

Il-Qorti tosserva li, s’hawn, ma tikkonfigurax htija da parti tal-attrici, stante li l-mard mhuwiex raguni valida ghas-separazzjoni, anzi jiskatta l-obbligu tal-assistenza da parti tal-konvenut li jassisti lil martu. Fil-fatt mill-provi jirrizulta provat li dan kien, mhux biss jghin lil martu, izda fiz-zmien li kienet tkun marida, u anke wara, l-oneru kollu tal-familja kien refghu hu. Dan jinsab korroborat minn oht l-istess attrici; u anke minn hu l-attrici Paul Grech li mis-sena 1996 kien joqghod bieb ma’ bieb mar-residenza tal-partijiet. Dan jghid li fis-sena 1995 meta l-attrici kienet rikoverata Monte Carmeli, il-konvenut “baqa’ jaghmel l-isforzi tieghu biex jiehu hsieb il-familja, fosthom li jixtri u jsajjar. Dan rajtu b’ghajnejja meta mort niltaqa’ mieghu jixtri u kont narah isajjar meta gieli mort id-dar taghhom. Kien iwassal lit-tfal l-iskola wkoll barra li baqa’ jahdem ix-xoghol normali tieghu”.

Izda l-kwadru jiehu xejra ohra fid-dawl tax-xhieda tat-tabib tal-familja Dottor Domnic Agius meta xehed li l-kundizzjoni li tbati minnha l-attrici hija wahda trattabbli, u di fatti jddeskriviha bhala “a manageable condition”, u meta l-attrici kienet tiehu l-medikazzjoni, hi kienet tmur ghall-ahjar; izda l-attrici kienet tilmenta mieghu li l-pilloli kienet qed tehodhom ghal xejn.

F’ dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-perit legali li, mill-provi jirrizulta, fuq bazi ta’ probabilita’, l-kundizzjoni tal-attrici kienet tmur ghall-aghar meta din kienet twaqqaf il-medikazzjoni. Ir-riluttanza taghha li tiehu l-pilloli tinsab konfermata mill-imsemmi tabib; u l-fatt li kienet tieqaf tehodhom jinsab konfermat mill-konvenut, u anke mix-xhieda taghha stess fejn l-attrici stqarret li ma kienitx riedet tiehu certu pilloli, preskritti mill-Konsulent David Cassar, fuq suspetti negattivi fil-konfront ta’ zewgha.

Fil-fehema tal-Qorti, huwa dan in-nuqqas tal-attrici li jattira fil-konfront taghha l-htija ghall-firda, stante li mill-provi jirrizulta car li hi kienet pjenament konxja tal-kondizzjoni taghha, tant li l-Konsulent David Cassar jghid li “fil-

maggjoranza tal-hin [l-attrici] hija ta’ stat mentali normali”[7], u zzid tghid il-Qorti, li mill-provi jirrizulta li l-attrici hija mara ta’ certu livell ta’ edukazzjoni w intelligenza, izda b’danakollu hija kienet twaqqaf minn rajha l-medikazzjoni bir-rizultat li kienet tirkadi u tmur ghall-aghar b’dannu serju ghall-konvivenza normali u pacifika.

Min-naha tieghu l-konvenut kien jipprova b’mod attiv hafna jghin lil martu, u meta din kienet Monte Carmeli, kien refa’ l-oneru kollu tat-trobbija ta’ ulied il-partijiet.

Il-Qorti tifhem it-tbatija mentali li ghadda minnha l-konvenut meta dana fuq bazi ripetuta kien jigi akkuzat minn martu b’infedelta’ u b’tehid tal-flus tal-komunjoni, apparti milli kien jissubixxi t-tghajjir ta’ martu; tant li anke hu spicca b’dipressjoni reattiva; u huwa f’dan il-kuntest li l-komportament tal-konvenut fiz-zmien tas-separazzjoni ghandu jigi kkunsidrat.

Illi l-Qorti, bhal perit legali, tosserva li dak li gie allegat mill-attrici fil-konfront tal-konvenut ma’ giex provat, anzi rrizulta li certu allegazzjonijiet, bhal gbid ta’ flus, sar mill-attrici u mhux mill-konvenut li min-naha taghha akkuzat lill-istess konvenut li halliha bla flus! u dahhlet dan il-fatt f’mohh ulied il-partijiet bir-rizultat li dawn daru kontra missierhom. Din il-manuvra mhi xejn hlief manipulazzjoni da parti tal-attrici ghad-dannu tal-konvenut u tal-istess uliedhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli, u dan tort unikament tal-attrici li, minhabba n-nuqqas volontarju taghha li tiehu l-medikazzjoni preskritta lilha ghall-marda taghha, wassalha sabiex tinfexx f’suspetti u akkuzi bla bazi kontra zewgha l-konvenut, li kumuluttivament irrendew insapportabbli ghalih l-konvivenza matrimonjali, u li ghalhekk jikkwalifikaw bhala ‘sevizzi’ fit-termini tal-artikolu 40 tal-kapitlu 16. Inoltre, l-akkuza ampjament mhux provata t’adulterju da parti ta’ zewgha, u li dan “seraq” flus tal-komunjoni meta fil-fatt irrizulta li hi kienet

[7] Vol.2 – fol. 522

iddepozitat dawn il-flus fil-kont taghha, jikkostitwixxu “ngurji gravi” da parti taghha.

Illi rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 48 fil-konfront tal-attrici, il-Qorti hi tal-fehema li, tenut kont tal-fatt li r-raguni bazika wara l-inkwiet matrimonjali jemani mill-mard, l-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu fil-konfront tal-attrici hija kontro-indikata.

Min-naha tal-konvenut, ghalkemm gie mputat lilu l-adulterju, s-sevizzi u l-abbandun, il-Qorti tosserva li dawn l-akkuzi huma nfondati: l-adulterju ma giex sostnut mill-provi, anzi l-attrici ma gabet ebda prova fir-rigward, ghajr ghas-suspetti taghha; is-sevizzi/mohqrija mhumiex sostnuti mill-provi li ghal kuntrarju juru li kien hu li sofra dan il-komportament abbuziv; u l-abbandun ma jistax jikkonfigura, kemm minhabba l-mankanza tar-rekwizit taz-zmien, kif ukoll tar-rekwizit tar-“raguni tajba”.

**Dar Matrimonjali**

Illi jirrizulta pacifiku li l-fond ‘Madonna tal-Grazia’ numru 246 Triq Lampuka, Tarxien nbena fuq art parafernali tal-attrici. Ix-xogholijiet bdew fis-sena 1982[8] u saru minn missier il-konvenut, li ghalkemm ma hax flus tax-xoghol tieghu, izda thallas is-somma ta’ LM3,000 [illum €6988 ] biex ikopru l-ispejjez tal-materjal u tal-lavrant.

L-attrici tghid li x-xogholijiet saru u gew kompluti qabel iz-zwieg, u li hi kienet hallset l-imsemmija somma billi kkonsenjata lill-konvenut, allura l-gharus taghha, sabiex ihallas lill-missieru. Tghid li ghalkemm kienet talbitu ricevuta tal-flus li kienet hallset, il-konvenut baqa’ ma taha xejn.[9] Tikkonferma li sad-data taz-zwieg kienet hallset kollox u ma kien hemm ebda dejn fuq id-dar. Fi kliemha: “… l-ispejjez thallsu kollha minni qabel iz-zwieg. Konna fthemna li jien inhallas l-ispejjez kollha ghad-dar billi din kienet proprjeta’ parafernali tieghi u [f’ dak iz-zmien] ta’ huti.”[10]

---

[8] Aff. Pawul M - Vol.1 – fol.67
[9] Aff. Vol.1 – fol.
[10] Aff. – Vol.1 – fol.118

Min-naha tieghu l-konvenut ma jichadx dawn il-fatti, hlief li fid-depozizzjoni tieghu jghid li lil missieru "hallasnieh"[11] tal-ispejjez.

In propozitu l-Qorti tosserva li l-verzjoni mghotija mill-attrici hija aktar verosimili, tenut kont tal-fatt li x-xogholijiet saru fuq art parfernali taghha, u ghalhekk huwa probabbli li l-ispejjez kollha hallsithom hi. Inoltre, l-verzjoni taghha ma gietx kontestata serjament mill-konvenut, senjatament il-fatt allegat li x-xogholijiet kienu lesti qabel iz-zwieg, u li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li, filwaqt li missieru kellu jaghmel ix-xogholijiet, hi kellha thallas l-ispejjez kollha. Dan ma giex kontestat. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehema li l-imsemmi fond huwa proprjeta' parafernali tal-attrici, u li hi m'ghandha taghti xejn lill-konvenut fir-rigward.

Illi rigward ir-rakkomandazzjoni tal-perit legali li "ghandha ssir stima tal-benefikati li saru tul is-snin mill-partijiet, u l-konvenut ghandu jithallas sehmu ta' dawn." il-Qorti tosserva li ma taqbilx ma' dan, tenut kont tal-fatt: [1] li, nonostante li l-kaz jirrizali sa mis-sena 2003 u l-konvenut kellu opportunita' ampja li jipprova jekk sarux xi benefikati ohra tul il-konvivenza, ma ngabux provi li, ghajr ghal rikostruzzjoni tal-fond minn missier il-konvenut, saru xi xogholijiet ulterjuri fil-fond matul iz-zwieg; u [2] li l-fatt li missier il-konvenut volontajrament ma zammx flus ta' xogholu fil-fond li kellu jservi bhala d-dar konjugali fejn kien ser jghix ibnu wkoll, ma johloqx kreditu la favur il-missier [li mhux parti fil-kawza], u wisq anqas favur il-konvenut .

**Kura u Kustodja**

Illum dan il-kap huwa sorvolat peress li l-ulied tal-partijiet huma maggjorenni u ma jezistux ir-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 3B tal-kapitlu 16.

**Manteniment**

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-perit legali, fis-sens li, nonostante li l-attrici hija l-parti hatja tal-firda, xorta wahda

[11] Dep. Vol.2 - 655

jibqa' jissussisti l-obbligu tal-konvenut li jhallas manteniment lill-attrici ghaliha, kemm-il darba din ma' jkollhiex impieg *full-time* jew dhul regolari u adegwat.

Il-Qorti tosserva li a bazi tax-xhieda medika, l-kundizzjoni mentali tal-attrici ma jostakolahiex sabiex tahdem *part-time* u b'hekk tghin lilha nnifisha kemm finanzjarjament kif ukoll, izzid tghid din il-Qorti, psikologikament, kemm-il darba dina tibqa' tiehu l-medikazzjoni preskritta lilha.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti qed tikkwantifika l-maneniment dovut lill-attrici mill-konvenut fl-ammont ta' mija u disghin ewro [€190] kull erba gimghat li ghandu jithallas mill-konvenut fil-bidu ta' kull xahar. Dan il-manteniment jieqaf hekk kif l-attrici ssib impieg *full-time* jew ikollha ntrojtu regolari u adegwat. Il-manteniment jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi, filwaqt li fil-komunjoni m'hemmx dejn ma' terzi, l-assi jikkonsistu fis-segwenti: kontijiet bankarji mal-HSBC, mal-APS u mal-Barclays Bank; investimenti u titoli; assikurazzjoni fuq il-hajja fuq isem il-konvenut tal-valur ta' circa €9,820[12]; il-vettura Toyota Corolla EBC 623 tal-valur ta' circa €6,522; l-oggetti u effetti mobbli ezistenti fid-dar konjugali; il-garaxx li jinsab quddiem il-fond konjugali, u li m'hemmx stima tieghu; u l-fond kummercjali 183/184 Main Street, Zabbar tal-valur ta' circa €116,000.

Illi din il-Qorti, salv ghal premess rigwardanti d-dar konjugali b'referenza ghall-paragrafu 149[13] tal-relazzjoni peritali, taddotta fl-intier tieghu l-kontenut tas-sezzjoni ntestata "Xoljiment" mill-paragrafi 142 sa 154 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][14]

Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti mill-14 ta' Novembru 2003, tordna li l-partijiet

[12] Fit-22 ta' Settembru 2009
[13] Vol.4 – fol.1625
[14] Ibid. – fols.1624 sa 1625

jhallsu lil xulxin dak indikat fl-imsemmija sezzjoni; dak li hu parafernali tal-partijiet jibqa' ghandhom.

Rigward il-fond kummercjali 183/184 Main Street, Zabbar u l-garaxx quddiem id-dar matrimonjali, il-Qorti tordna li dawn jinbieghu fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma ta' €116,000 rigward il-hanut, u ghall-prezz mhux inferjuri ghall-valur tal-garaxx kif moghti mill-Perit AIC Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet, sakemm l-istess partijiet ma jaslux ghal valur konkordat in propozitu. Fin-nuqqas li dawn il-fond jinbieghu fiz-zmien sena, il-Qorti tordna li jinbieghu bis-subbasta skont il-ligi.

Rigward l-oggetti li hemm ezistenti fid-dar matrimonjali, il-Qorti tordna li, jekk il-partijiet ma jaqblux fuq il-valuri taghhom u fuq pjan ta' qasma, dawn ukoll jinbieghu bil-mod fuq indikat, u l-Qorti tinnomina lill-istimatur Vincent Ciliberti sabiex, a spejjez taz-zewg partijiet, jaghmel stima tal-oggetti kollha ghal dan il-ghan.

Illi l-attrici ghandha, minn sehemha mir-rikavat tal-bejgh tal-imsemmija fondi, tirrifondi lill-konvenut nofs l-ammont tal-kontijiet tal-utilitajiet tad-dar li thallsu minnu fiz-zmien li dina kienet okkupata minnha adeskluzjoni tieghu.

Finalment jinghad li, rigward il-qbiela tal-artijiet li huma fuq isem il-konvenut, u li din il-Qorti, bhal perit legali, hi tal-fehema li dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, il-Qorti tosserva ulterjorment li huwa gust li dan ikun hekk, tenut kont tal-fatt li l-attrici, bis-sahha tal-konvenut, tramite missieru, rrikostruwit fuq il-fond taghha dar gdida minghajr ma kellha thallas xejn lill-bennej ta' xogholu; inoltre, l-attrici hija l-persuna unikament hatja tas-separazzjoni, filwaqt li ser tibqa' tircevi manteniment minghand il-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-attrici;

[2] tilqa't-tieni talba;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'; u tichadha ghall-kumplament;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa' s-sitt talba, billi tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti b'effett mill-14 ta' Novembru 2003, tillikiwdaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti';
[7] tilqa' s-seba' talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti.';
[8] tilqa' t-tmien talba, u tiddikjara li l-fond 'Madonna tal-Grazzja' numru mitejn sitta u erbghin [246] Triq il-Lampuka, Tarxien huwa proprjeta' parafernali tal-attrici;
[9] tilqa' d-disa' talba;
[10] tilqa' l-ghaxar talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------